23 ta' Gunju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Angelo Bugeja ne.

*versus*

Wisq Reverendu Kanoniku Don Giuseppe Sammut

**Legat Fondat minn Paolina Garagona Gafà — Interpretazzjoni — Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — "Observantia Interpretativa".**

*Meta l-kliem ta' l-att huma ċari, l-interpreti għandu joqgħod għal dawn il-kliem, u mhux jirrikorri għal konġetturi.*

*Fil-każ preżenti, fejn ġiet disputata deċiżjoni tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ dwar il-għażla magħmula minnha għall-konsegwiment ta' dak fondat minn Paolina Garagona Gafà, il-Qorti rriteniet illi l-kliem tal-fondazzjoni huma ċari, u illi l-volontà tal-fondatriċi hija wkoll ċara; u nterpretat dik il-volontà fis-sens illi, kif il-fondatriċi riedet tagħti sussidju lix-xebbiet li jkunu sejrin jidħlu l-istat matrimonjali, hekk ukoll hija riedet tagħti sussidju lill-*

*guvnotti li jkunu jridu isiru qassisin jew patrijiet; u għalhekk żammet li dak il-legat ma hux intiż għal min huwa diġà saċerdot. L-"observantia interpretativa" għandha tiġi segwita biss meta l-att tal-fondazzjoni ma hux tant ċar li ma jistax jiġi nterpretat b'modi diversi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li fiha l-attur nomine qal illi d-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 1951 (Dok. B), publikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Novembru 1951 (Dok. C), fuq il-konkors għal-legat fondat minn Paolina Garagona Gafà fl-atti tan-Nutar Michele Giovanni Bonavita fit-22 ta' Settembru 1683, u skond l-preferenza stabbilita mill-istess fondatriċi fl-atti tan-Nutar Pietro Fiore tad-29 ta' Mejju 1680, għażlet għall-konsegwiment ta' dan il-legat għal kwadrijennju 1947-1950, fost oħrajn, lill-konvenut u eskludiet lill-attriċi; u illi dik il-pregradwazzjoni mhijiex skond il-fondazzjoni, peress li l-legat ġie mħolli lil dawk li jkunu sejrin isiru saċerdoti, u mhux lil dawk, bħal konvenut, li jkunu ġà saċerdoti; u talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, is-sentenza mogħtija mill-imsemmija Deputazzjoni fid-9 ta' Novembru 1951, in kwantu għażlet u ppregradwat lill-konvenut, tiġi revokata, u jiġi pregradwat minfloku l-attur nomine għall-konsegwiment ta' l-imsemmi legat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Il-punt involut f'din il-kontroversja huwa dan: l-attur isostni illi, skond il-kliem tal-fondazzjoni, il-legat huwa intiż li jgħin lil min ikun sejjer isir saċerdot, u mhux lil min ikun ġa sar; il-konvenut kien ġa saċerdot, anzi kien kanoniku; għalhekk għandu jiġi eskluż, u minfloku tidħol, flimkien ma' Maria Turnbull in Cassin, il-kostitwenti ta' l-attur, Maria Luisa Bugeja, li tappartjeni għal-linja preferita, fid-disa' grad, ċjoè fi grad prossimjuri għar-raba' konkorrenti fil-linja preferita, ċjoè Grazia Zerafa, li hi fl-għaxar grad (ara fol. 14). Il-konvenut Kanoniku Sammut, invece, isostni li l-kliem tal-fondazzjoni ma humiex tali li jfissru li ma jistax jikkonkorri min ikun ġa saċerdot;

Ma hux kontrastat illi l-fondatriċi tat il-preferenza lid-

dixxendenti tal-miżżewġin Michele Isuard u Giovanna Maria Grech, u li tant il-mandanti ta' l-attur Maria Luisa Bugeja, kemm il-konvenut, jappartjenu lil din il-linja, u li l-konvenut hu prossimjuri fil-grad u akbar fl-età mill-imsemmija Maria Luisa Bugeja;

Il-punt hu, però, jekk skond it-termini tal-fondazzjoni, il-konvenut hux imsejjaħ għal-legat; għaliex jekk hu eskluż minn dawk li jissejħu "condizioni generiche" tal-legat, li jimprimu lil-legat in-natura tiegħu, allura dawk li jissejħu "condizioni specifiche" ma jidħlux, għaliex ebda pozjorità ma tista' tiswa f'min ma għandux il-kwalitajiet ġeneriċi;

Issa, il-fondatriċi sejħet għal-legat "omnes et singulos filios leg.mos et na.les, nepotes, pronepotes, ac posteros et descendentes in infinitum leg.mos et na.les ipsorum sponsorum in disp.one legatorum maritagii, puellarum et puerorum in Religione, vel presbiterarum efficiendorum";

Kif irrileva d-difensur tal-konvenut fid-dibattitu orali, il-kelma "presbiterarum" ma hijiex grammatikalment eżatta, għaliex propriament għandha tkun jew "presbyterorum", ċjoè ġenitiv dipendenti, bħal "puellarum" jew "puerorum", mill-kliem "legatorum maritagii", jew inkella għandha tkun il-ġenitiv plurali "presbyteratuum", u tikkonkorda ma' "efficiendorum". Iżda dan ma jinfluwixxix fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata;

Kif ġie osservat mill-Qorti Civili Prim'Awla fil-kawża "Scebberras Trigona vs. Anelco", 6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto, e non vi è luogo a ricorrere a congetture". U osserva wkoll il-Mantica, "De Conject." ult. vol., Lib. III, Tit. III, nri. 1 u 9, "negli atti di ultima volontà si ha da osservare la volontà del testatore, evitando di sovvertirne la natura con eccessive sottigliezze di parole..........";

Issa, fil-każ preżenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem huma ċari, u l-volontà tal-fondatriċi hi wkoll ċara;

Il-volontà tal-fondatriċi mill-bran fuq riportat toħroġ ċara li kienet dik li, bl-istess mod li riedet tagħti sussidju lixxebbiet li jkunu sejrin jieħdu l-istat matrimonjali, hekk ukoll

riedet taghti sussidju lill-ġuvnott li jkunu sejrin jieħdu l-istat ta' patri jew ta' qassis (religione vel presbyterarum);

In kwantu għall-aħħar kelma "presbyterarum", din għandha tittieħed evidentement fis-sens li ordinarjament għandha l-kelma "presbyter", ċjoè (ara Vocab. Vallauri) "prete, sacerdote secolare". L-intenzjoni tal-fondatriċi, li tgħin xebba li sejra tiżżewweġ, tarmonizza ma' l-intenzjoni li tgħin ġuvnott li bi ħsiebu jsir qassis jew patri, imma ma tantx tarmonizza ma' l-interpretazzjoni tal-konvenut li l-fondatriċi riedet ugwalment tgħin lil min hu diġà saċerdot sekulari jew reliġjuż;

Il-kliem rilevanti għal dan il-każ, fuq riportati, huma wkoll konklużivi. Il-kelma "puerorum", użata in riferenza għal dawk li jkunu bi ħsiebhom isiru patrijiet jew qassisin, ma tantx tadatta ruħha għal wieħed li jkun ġà sar patri jew ġa sar qassis, u per ġiunta kanoniku. Barra minn dan, hemm il-kelma "efficiendorum" li, partikolarment fil-kontest li hija fih, ma tistax tfisser ħlief illi l-legat huwa intiż biex jiġu formati, ċjoè biex isiru, patrijiet jew qassisin. Il-konċett imfisser bil-kelma "purerorum", u l-konċett imfisser bil-kelma "efficiendorum", ma humiex konsistenti mal-konċett ta' min hu ġà patri jew ġa qassis;

L-obbjezzjoni tal-konvenut li, kieku l-legat jingħata lil min għad ma hux patri jew qassis, allura ma jkun hemm ebda garanzija li l-assenjatarju jieħu dak l-istat, ma treġġix, għaliex f'każ simili hu risaput li d-doti tal-legat tiġi depożitata fil-"Cassa delle Pie Amministrazioni", bl-indikazzjoni tal-legat u l-persuna eletta, u bil-kondizzjoni li ma tistax tiġi żbankata ħlief meta jkun hemm l-avverament tal-kondizzjoni ta' l-elezzjoni;

Id-difensur tal-konvenut osserva wkoll illi s-saċerdozju hu ordinarjament raġuni ta' pożjorità. Issa, hu veru li "clericus in paritate gradus semper praefertur" 9 (Piton. de Jure Patron. al 32, nri. 6, 7, 8, 12), u illi "clerici sunt superiores, majores, digniores laicis" (Tiraquell. de primogen. quaest. 48, no. 4). Imma qabel xejn hemm bżonn li min hu saċerdot ikun vokat għal-legat, għaliex, jekk ma jissodisfax il-kondizzjonijiet ġeneriċi tal-fondazzjoni, allura ma tidħolx il-konsiderazzjoni tat-titoli possibili ta' pożjorità;

Ġie anki osservat, fil-kors ta' l-argumenti quddiem din il-Qorti, illi f'okkażjonijiet oħra l-legat in kwistjoni ġie mogħti lil min kien abbraċċja l-istat saċerdotali, u ġew eżibiti d-dokumenti elenkati fol. 25; dan l-argument ta' l-"observantia interpretativa" ma hux però aċċettabili. Il-pont ta' din il-kawża ma jirriżultax li qatt ġie sollevat u diskuss u *deċiż*. Barra minn dan, ma kien hemm ebda deċiżjoni ta' din il-Qorti bħala Qorti regolatriċi in materja fuq dan il-pont. Fit-tielet lok, hu prinċipju, affermat diversi drabi, illi l-"observantia interpretativa" għandha tiġi segwita biss "quoties statutum non est adeo clarum ut non possit aliter interpretari" (Melivetana, Commendae 7 Maggio e 27 Giugno 1635, cor. Pirovano e Antionitatis), mentri f'dan il-każ il-Qorti tirritjeni li l-kliem tal-fondazzjoni huma ċari fis-sens premess;

Għalhekk *tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-attur nomine*, u tirrevoka "pro tanto" s-sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fuq imsemmija, u telġġi u tippregradwa lill-imsemmija Maria Luisa Bugeja, mandanti ta' l-attur, minflok il-konvenut, għall-konsegwiment tal-legat għall-kwadriennju 1947-50, b'mod li l-ekonomu għandu jivversa lilha d-dota korrispondenti għal nofs ir-renti għall-kwadrijennu fuq imsemmi, bid-dritt tagħha li teżamina u eventwalment tikkritika l-kontijiet li ta, jew li għad irid jagħti, l-ekonomu;

Stante ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru, però, għak-kariku tal-konvenut.